V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M-10865 – ASTORG / IPCOM)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 309/06)

1. Fil-4 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Astorg VIII SCSpl ("Astorg Fund VIII" jew "Acquirer", il-Lussemburgu), li hija ġestita minn Astorg Asset Management S.à. r.l. ("AAM", il-Lussemburgu), li min-naħa tagħha hija kkontrollata minn Astorg Group S.á.r.l. ("Astorg Group", il-Lussemburgu) (Astorg Group flimkien ma' Astorg Fund VIII u fond oħra ġestiti minn AAM, "Astorg");

— Isolstar Holding ("IPCOM", il-Belġju).

Astorg se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' IPCOM kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Astorg Fund VIII hija parti minn Astorg, li hija ditta ta' ekwità privata Ewropea indipendenti. Għandha wkoll uffiċċji f'Londra, Pariġi, Milan, Frankfurt u New York. Il-fondi li jappartjenu għall-Astorg Group investew f'firxa wiesgħa ta' industriji,

— IPCOM hija attur industrijali Ewropew, bil-kwartieri ġenerali fil-Belġju, speċjalizzata f'soluzzjonijiet ta' iżolament, li sservi firxa wiesgħa ta' industriji pereż. il-kostruzzjoni, il-bini tal-bastimenti, l-industrija tal-ipproċessar, l-enerġija, il-petrokimika, il-karozzi, l-apparat domestiku, eċċ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10865 – ASTORG / IPCOM

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË